TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Lorraine Ferriggi**

**Vs**

**Cutajar Ltd**

CCT 188/23/CC

Illum 17 ta' Jannar, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentipprezentata fis-17 ta' Ottubru 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €95 (hamsa u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha lis-socjeta intimata, ghal xiri ta' 'Nextbase Dashcam', wara li l-istess dashcam spiccat bi screen imxaqqaq peress li s-*suction cup* taghha inqaghlet.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta, u ma deher hadd ghas-socjeta intimata fis-seduta appuntata ghal provi kollha kollha tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti tixhed bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li fis-17 ta' Novembru 2022 r-rikorrenti xtrat dashcam, ghal prezz ta' €95 (hamsa u disghin ewro). Din id-dashcam kienet maghmmra bis-*suction cup* taghha, li r-rikorrenti uzat biex twahhala fil-vettura taghha.

Illi r-rikorrenti tispjega li xi xhur ilu inqaghlet is-*suction cup* minn mal-molla, b'konsegwenza li d-dashcam waqghet u ixxaqaq l-iscreen.

Illi r-rikorrenti ipprezentat diversi dokumenti lit-Tribunal, fosthom l-ircevuta tal-hlas tad-dashcam, kif ukoll skambju ta' emails li r-rikorrenti kellha mad-dirigenti tas-socjeta intimata, li hija avvicinat qabel gew intavolati l-proceduri odjerni.

Illi t-Tribunal jinnota li s-socjeta intimata tat lir-rikorrenti l-ghazla li terga tixtri dashcam bi prezz ridott, madankollu r-rikorrenti ma accetatx dak offrut lilha, u talbet li tinghata l-flus lura.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent ma kkontribwitx ghal fatt li wassal sabiex l-iscreen tad-dashcam jigi imxaqqaq. Ghalhekk, jirrizulta li r-rikorrenti irnexxielha tipprova l-istanza sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghaldaqstant, it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €95 (hamsa u disgħin ewro), b'dan li l-istess rikorrenti ghandha tghaddi d-dashcam mertu ta' dawn il-proceduri lis-socjeta intimata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru